**18 ta' Jannar, 1964**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. E. Magri LL.D.**

**Carmelo sive Charles Debattista**

*versus*

**Francesco Briffa**

**Kompensazzjoni Ġudizzjali — Art. 1240 (1) (2) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Kompensazzjoni ġudizzjali tista issir biss bejn żewġ t-idjun li jkollhom it-tnejn bħala oġġett somma ta' flus u li jkunu it-tnejnlikwidi u esiġibbli.*

*Id-dejn huwa likwidu meta huma ċert ukoll, b'dik li hi kwantita'.*
*Kompensazzjoni ġudizzjali hija ukoll ammessa meta l-kreditu ta' min iġibha 'l-quddiem ikun ta' faċili likwidazzjoni allavolja ma jkunx likwidu.*

*Meta kreditur illikwidu jippretendi li ma jħallasx in forza tal-*

*kompensazzjoni, il-pożizzjoni tiegħu mhix legalment protetta mill-konsegwenzi tal-ġudizzju promoss kontra tiegħu mill-kreditur, jekk huwa ma jirrikorrix għar-rimedju preventiv tad-depożitu tal-kreditu dedott u jissekwestrah in bażi għall-pretensjonijiet tiegħu.*

Il-Qorti,

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur-premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni talab illi l-konvenut jiġi kundannat min din il-Qorti jħallas lill-attur is-somma ta' sittax il-lira (£16) lilu mislufa "breve manu" bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-ittra uffiċjali tad-29 ta' Ottubru, 1963, bl-ispejjeż inklużi dawk tal-imsemmija ittra uffiċjali kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur u n-nota tax-xiehda tiegħu;

Rat in-nota tal-konvenut li biha eċċeppixxa li l-ammont mitlub huwa iktar milli kompensat mill-ammont dovut mill-attur lill-esponent għal over-time, fi żmien li kien impiegat miegħu;

Rat . . . omissis . . .

Ikkunsidrat:

Li ma jidhirx li hemm kwistjoni bejn il-kontendenti dwar l-import ta' self, li minnu il-konvenut ħallas akkont b'kollox erba liri (£4) iżda il-konvenut qiegħed jippretendi li ma jħallasx in vista li dana d-debitu tiegħu jinsab altru milli kompensat mal-kreditu tiegħu kontra l-attur għal over-time fi żmien li kien impjegat miegħu;

Ikkunsidrat:

Li il-kompensazzjoni akkampata mill-konvenut mhiex aċċettabbili, u anqas tista t'ġi dikjarata ġudizzjarjament għaliex (1) tista issir biss bejn żewġ t-idjun li jkollhom it-tnejn bħala oġġett somma ta' flus, u li jkunu t-tnejn likwidi u esiġibili u (2) id-dejn huwa likwidu meta huwa ċert ukoll, b'dik li hija kwantita' (art. 1240 (1) (2) Kod. Ċiv..) (Kollez. XXXI, 1, 8);

Ikkunsidrat;

Li hawn ninsabu f'materja ta' kompensazzjoni gjudizzjali li hija ammessa meta il-kreditu ta' min iġibha il-quddiem ikun ta' faċili likwidazzjoni, allavolja ma jkunx likwidu. Dana il-prinċipju ġie rikkonoxxut mill-ġurisprudenza għaliex huwa veru li l-każi aktar frekwenti huma li jiġi oppost kreditu llikwidu (Kollez. XVII, 111, 4, XV111, 1, 79; 111, 4, XXXI, 1,435); iżda fil-każ preżenti, il-kreditu allegat mill-konvenut mhux likwidabbili prontament, u jirrikjedi l-intervent ta' organu amministrattiv, tant huwa hekk li l-konvenut iddikjara bħala xhud l-uffiċjal tal-Labour Office.

Ikkunsidrat:

Li meta kreditur illikwidu jippretendi li ma jħallasx in forza tal-kompensazzjoni, il-posizjoni tiegħu mhiex legalment protetta mill-konsegwenzi tal-gudizzju promoss kontra tiegħu mill-kreditur, jekk huwa ma jirrikorrix għar-remedju preventiv tad-depozitu tal-kreditu dedott u jissekwestrah in bażi għal pretenzjonijiet tiegħu (Kollez. XXIV. 11, 46; u P.A. 27 ta' Marzu, 1840. P.A. 30 ta' Marzu, 1940) rimedju li il-konvenut ma' applikax u għalhekk mhux aktar ammissibili li huwa jilqa l-pretensjoni tal-attur bix-xorta ta' kompensazzjoni fuq definita;

Ikkunsidrat:

Li anke kieku il-kreditu tal-attur ma ġiex ammess mill-konvenut; il-fatt tal-eċċepita kompensazzjoni jimporta fih innifsu rikonjizzjoni tal-kreditu reklamat (Kollez. XXIV, 11, 43. XXIV, 1, 326).

Għal dawna l-motivi;

Tiddeċiedi (1) billi tirriġetta l-eċċezzjoni tal-kompensazzjoni sollevata mill-konvenut, bl-ispejjeż kontra tiegħu, u (2) tilqa it-talba tal-attur bl-ispejjeż kontra il-konvenut.